# Il-Festa ta' Sant' Elena fis-Sena 1932





Dan ir-ritratt li qegħdin taraw ma' dan l-artiklu kont xtrajtu waqt irkant ta' oġġetti li qabel kienu fil-kollezzjoni tal-mibki l-Artist Rafel Bonnici Calì. Fuq in-naħa ta' wara dan ir-ritratt sibt id-data 1930. Minn din id-data bdejt nagħmel ir-riċerka tiegħi biex nispjega din ix-xena tant sabiħa li naraw f'dan ir-ritratt, u ser naqsam dan li ktibt mal-qarrejja ta' dan il-programm tal-festa.

Meta wieħed jifli sewwa din ix-xena l-ewwel ħaġa li tolqtu huwa l-ammont kbir ta' nies li hemm fil-pjazza madwar l-istatwa ta' Sant'Elena. Kulħadd liebes bl-aħjar mod għal jum il-Festa li tkun tant mistennija mhux biss min-nies tal-lokal, iżda ukoll minn tant nies minn lokalitajiet oħrajn li jattendu għal din il-purċissjoni unika li ssir filgħodu.

Is-sena 1932 kienet waħda mportanti hafna fl-istorja ta' Birkirkara, dan ghaliex kienet għada kemm waslet u tpoġġiet fil-kampnar tal-Knisja il-Qanpiena l-Kbira li nħadmet mid-ditta "Fratelli Barigozzi" ta' Milan. Dakinhar li kienet waslet il-Qanpiena l-Kbira, jiġifieri is-17 ta' Jannar 1932 il-Banda 'Duke of Connaught's Own' kienet daqqet sett ta' marċi Brijużi minn Fleur-de-Lys sa fuq iz-zuntier tal-Kolleġġjata. Wara dan kulħadd kien qiegħed jistenna bil-ħerqa biex jisma' din il-Qanpiena tindaqq waqt il-purċissjoni bl-Istatwa ta' Sant'Elena nhar il-Festa.

Il-Banda 'Duke of Connaught's Own' kienet tuża l-uniformi tal-bandisti tagħha f'okkażjonijiet importanti, u għalhekk meta kienet qegħda takkumpanja l-Istatwa ta' Sant'elena dak inhar tal-Festa, kif qegħdin naraw f'dan ir-ritratt il-bandisti kienu kollha lebsin l-uniformi. Fuq in-naħa tal-lemin tar-

ritratt quddiem il-banda jidher is-Surmast Francesco Xuereb, Surmast Direttur tal-Banda (biċ-ċoff). M'għandix informazzjoni jekk il-Banda kinitx daqqet fuq il-planċier waqt id-dħul tal-Istatwa ta' Sant'Elena lura fil-Knisja dak inhar, iżda x'akarx li l-Banda kienet daqqet għaliex f'okkazzjonijiet bħal dawn is-surmastrijiet tal-baned kienu jilbsu b'mod eleganti biex jidderieġu l-Banda.

Tajjeb li ngħidu li din is-sena, jiġifieri l-1932 kienet waħda impenjattiva ħafna għall-Banda 'Duke of Connaught's Own' għaliex minbarra s-servizzi li kienet tat waqt il-festa ta' Sant'Elena u l-wasla tal-Qampiena l-Kbira fil-Kolleġġjata, kienet daqqet ukoll nhar is-27 u l-31 ta' Lulju, u fil-5, fis-6 u s-7 t'Awwissu waqt il-Festi Ċentinarji li kienu saru f'Ħal Lija. Ma' dawn is-servizzi l-banda daqqet ukoll waqt festi oħrajn li saru kemm f'Birkirkara kif ukoll f'irħula oħrajn.

L-armar tal-Pjazza li naraw f'dan ir-ritratt huwa l-istess li għadna naraw armat waqt il-jiem tal-festa l-lum. Ftit li xejn rajna tibdil. Dan l-armar kien għadu kemm sar u għal dak iż-żmien kien wieħed uniku għax-xogħol li kien fih. Innutajt ukoll li l-liedna hija maħduma bil-karti ikkuluriti u mhux bil-weraq tal-ħaxix kif kienet għadha tintrama f'ħafna festi oħrajn ta' dak iż-żmien. Ma ninsewx li dak iż-żmien fil-pajjiż kien hawn faqar kbir, kien hawn diġa l-klima ta' gwerra li kienet riesqa bil-mod il-mod aktar fil-qrib, iżda xorta waħda l-poplu Karkariż kien jagħti dak kollu li jista' biex il-festa tal-Padruna ssir bl-aħjar mod, biex il-Kolleġġjata tintrama bl-isbaħ opri, u biex saret il-Qanpiena l-Kbira f'din is-sena li fiha ġie miġbud dan ir-ritratt.

Dan kollu wasal biex matul is-snin, il-Festa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara ġiet stabbilita bħala waħda mill-akbar festi li jiġu ċċelebrati fil-gżejjer Maltin. Festa li hija magħrufa għal folol kbar li jattendu għaliha, festa li tagħmel ġieh lil dawk kollha li jagħtu s-sehem tagħhom biex issir fuq skala hekk kbira.

***Il-Festa t-tajba lil Kulħadd***

Mario Fenech

BKR
Radio 94.5 fm

**Tel. Studio: 2149 5899 • Reception: 2149 5897**

220, Valley Road, Birkirkara BKR 10

Official Website: **www.birkirkarafc.com**